

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Settembru 2012

li temenda d-Deċiżjoni 2000/96/KE fir-rigward tal-enċefalite li tinġarr mill-qurdien u l-kategorija ta' mard li jittieħed trasmess mill-insetti

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 3241)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/492/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabiliment ta' network għas-sorveljanza epidemjoloġika u kontroll ta' mard li jinxtered fil-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 3(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/96/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar mard li jittieħed li għandu jiġi kopert b'mod progressiv fin-netwerk tal-Komunità skont id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, telenka ċertu mard li jittieħed li għandu jiġi kopert b'sorveljanza epidemjoloġika fin-netwerk Komunitarju stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE.
- (2) L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE jsemmi b'mod speċifiku "Mard trasmess mill-insetti" bħala kategorija ta' mard li jittieħed li trid tintgħażel sabiex tinkiseb informazzjoni uniformi għal finijiet ta' rappurtar.
- (3) L-enċefalite (TBE) li tinġarr mill-qurdien hija marda fil-bniedem li tinġarr mill-qurdien li tikkawża diżabilitajiet newroloġiċi fit-tul u riżultati fatali sa 1,4 %. Il-marda tista' tiġi pprevenuta permezz tat-tilqim u matul dawn l-aħħar snin l-inkidenza tagħha żdiedet u nfirxet lejn żoni ġeografiki ġodda fl-Ewropa. Dawn l-iżviluppi x'aktarx li ġejjin minn kawżi differenti, inklużi l-bidla fil-klima u t-tibdil fl-ambjent fejn jgħix il-qurdien.

(4) Għaldaqstant it-TBE tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2000/96/KE għall-għażla ta' mard li jittieħed li jrid jiġi kopert b'sorveljanza epidemjoloġika għewwa n-netwerk tal-Komunità li ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE, u huwa xieraq li tiżdied mal-lista ta' mard li jittieħed li jrid jiġi kopert b'din is-sorveljanza epidemjoloġika fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/96/KE.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf bid-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/96/KE hu emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Settembru 2012.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 268, 3.10.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 28, 3.2.2000, p. 50.

ANNEX

Fil-punt 2.5 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/96/KE jiżdied il-punt 2.5.5 li ġej:

“2.5.5 *Mard li jiġi trasmess mill-insetti*

Enċefalite li tinġarr mill-qurdien (TBE)”
